**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**17 ta’ Frar 2022**

**Rikors Numru 37/2021**

**Michael Trapani**

**Vs**

**Awtorita` għat-Trasport f’Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ippreżentat minn **Michael Trapani** datat 6 ta’ Mejju 2021 li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:

*“Illi b’ittra tal-11 ta’ Marzu 2021 l-esponenti għamel applikazzjoni mal-awtorita’ intimata sabiex il-vettura tiegħu, b’numru ta’ reġistrazzjoni CBB 378 tal-għamla Isuzu, mudell numru NKR tiġi kklasifikata bħala ‘authentic vintage’ u sussegwentement jinħareġ ċertifikazzjoni f’dan ir-rigward.*

*Illi r-rikorrenti sabiex jissustanzja t-talba tiegħu ppreżenta ritratti tal-istess vettura, li qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala **‘Dokument MT1-MT8’.***

*Illi permezz ta’ ittra tal-14 ta’ April 2021, l-awtorita intimata ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti u skont r-rapport ta’ diskwalifikazzjoni, hawn anness u mmarkat bħala **‘Dokument MT9’** ċċitat numru ta’ raġunijiet li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Illi primarjament għandu jingħad illi l-esponenti qatt ma ġie msejjaħ mil-Kumitat tal-Vintage Vehicle Classification Committee li taqa taħt l-awtorita intimata, sabiex isir xi tip ta’ spezzjoni li kien iwassal għal stampa iktar ċara, preċiża u korretta tal-istat tal-vettura kif ukoll tal-attribwiti pertinenti li setgħu jaffetwaw d-deċiżjoni tal-istess Kumitat.*

*Illi bħala fatt, l-esponenti xtara din il-vettura f'ċirca 1994 mingħand Zammit Group of Companies, fejn huwa kien qed iħallas għal din il-vettura f'pagamenti mensili u ħallas l-ammont kollu għas-saldu fl-10 ta' Ottubru 1997 kif jirriżulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala* ***'Dokument MT10'.***

*Illi skorretament l-Kumitat fir-rapport ta' diskwalifikazzjoni tiegħu qal li t-'tail lift' m'huwiex orġinali, meta fil-fatt dan inxtara mingħand l-aġenti tal-Isuzu f'Malta dak iż-żmien u cioe Zammit Group of Companies kif jirriżulta mid-****'Dokument MT11',*** *fejn Mira Finance Ltd, kumpanija sussidjarja tal-istess Zammit Group of Companies ħarġet l-rċevuta għat-tail lift in kwistjoni.*

*Illi l-fatt li l-isemmi Kumitat qed jgħid ukoll li t-'tow hook' li ġie mwaħħal, mhuwiex mil-perjodu tal-vettura hija inveritiera għal-aħħar għaliex t-tow hook inxtara u twaħħal fl-istess żmien ta' meta nxtara t-'tail lift' hawn fuq imsemmi.*

*Illi dan fl-aħħar mil-aħħar m'għandux ikollu effett konsiderevoli fuq il-klassifikazzjoni tal-istess vettura għaliex l-istess 'tow hook' faċilment jinqala, huwa aċċesorju u ma jagħmilx parti integrali tal-vettura.*

*Illi fi żmien li r-rikorrent xtara l-istess vettura, f'Malta ma kienux jiġu importati vannijiet kompluti bil-kaxxa ta' wara inkluża li huma ġodda, għaliex kienu intaxxati b'mod eżaġerat sabiex jinċentivaw li x-xogħol tal-istess kaxxi għal-vetturi simili jinħadmu f'pajjiżna. Illi għalhekk l-aġent ma kienx jimporta vannijiet kompluti u għaldaqstant l-esponenti ma jistax jiġi prejudikat f'dan is-sens għaliex huwa ma kellux għażla ħlief li jixtri l-van ta' din l-għamla b'dan il-mod.*

*Illi fir-rigward tal-'loading bay' r-rikorrenti qatt ma ppreżenta xi forma ta' evidenza tal-kundizjoni tal-istess u għalhekk hija assurda kif l-Kumitat konċernat setgħa jasal sabiex jiddikjara li l-'loading bay'  hija maħmuġa jew 'shabby', għaliex dan ma jirrizulta minn imkien.*

*Illi fl-istess waqt m'huwiex minnu li l-'bumpers' m'humiex f'kundizzjoni tajba għaliex kif jirriżulta mil-istess 'Dok MT1-MT8'***,** *ma jirrżulta ebda ħsara, sadid, jew qasma fl-istess bumpers kif ġie erroneament konkluż mil-istess Kumitat.*

*Illi l-esponenti minn dejjem żamm il-vettura fi kundizzjoni tajba u kien jieħu l-istess vettura għal-servizz regolarment.*

*Illi għandu jingħad illi l-magna hija fl-istat oriġinali tagħha u qatt ma saru xi xogħlijiet fuq l-istess magna. Illi l-magna tinfunzjona perfettament u l-vettura tgħaddi mil-VRT ta' kull sena mingħajr ebda problema.*

*Illi l-fatt li l-vettura hija antika hija evidenti u hija l-bażi tal-argumenti tal-esponenti u għalhekk ċertu sadid u daqqiet minuri huma inevitabbli u rappreżentattivi tal-istess orġinalita' tal-vettura in kwistjoni.*

*Illi għalhekk l-esponenti ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni fejn l-Awtorita ċahdet l-applikazzjoni, stante raġunijiet infondati u mhux verifikati b'mod ekwu u ġust permezz ta' spezzjoni jew kjarifika appost.*

*Illi għalhekk qed jiġi interpost dan l-Appell ai termini ta' l-Artikolu 25(9) tal-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:*

1. *Illi t-Tribunal, inġustament ma għamel ebda spezzjoni u inkonkluda b'mod ħażin fuq il-fatti in kwistjoni li wassal sabiex jittieħed deċiżjoni li l-vettura in kwistjoni ma tikkwalifikax bħala vettura 'authentic vintage';*

2. *Illi huwa qatt ma ntalab sabiex jagħmel xi rappreżentazzjonijiet quddiem l-istess Kumitat alavolja r-raġunijiet li huma mniżżla għal fejn nħadet din id-deċiżjoni huma kuntradittorji mal-fatti.*
3. *Illi l-fakolta u diskrezzjoni tal-istess Kumitat ntuża b'mod preġudikanti u żbaljat fir-rigward tal-istess rikorrenti għaliex kif spjegat f'dan ir-rikors u kif se jirriżulta fit-trattatazjoni tal-kawża odjerna, din l-vettura għandha l-karateristiċi kolla sabiex tikkwalifika bħala vettura klassika u cioe 'authentic vintage'.*

***GĦALDAQSTANT*** *l-esponenti jitlob lil dan it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva sabiex:*

1. ***Jannulla*** *d-deċiżjoni tal-12 ta' April 2021, stante illi d-deċiżjoni in kwistjoni m'għandhiex tibqa' tissussisti in konfront tar-rikorrenti peress illi hija abbusiva u inġusta.*
2. ***Jirrevedi l-fatti u konsegwentament jiddeċiedi*** *li d-diskrezzjoni li waslu sabiex l-Kumitat tal-Vintage Vehicle Classification jiċħdu l-applikazzjoni tar-rikorrenti huwa abbusiv u inġust.*
3. ***Jiddikjara*** *li l-vettura CBB 378 tal-għamla Isuzu tikklasifika bħala 'authentic vintage'*
4. ***Jordna*** *li jiġi maħruġ ċertifikat li tikklasifika l-vettura CBB 378 tal-għamla Isuzu bħala 'authentic vintage'. "*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** ppreżentata fl-14 ta' Mejju 2021 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

*"1. Illi preliminarjament ir-rikors tal-appell kellu jkun akkumpanjat minn Lista ta' Xhieda.*

*2. Illi fil-mertu d-deċiżjoni mogħtija mill-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage hija:*
*(i) fattwalment korretta; u*
*(ii) meħuda b'osservanza tal-proċedura stabbilita*
*u dan kif se jiġi hawn spjegat u kif se jirriżulta ulterjorment waqt is-smiegħ ta' dan l-appell.*

*Fil-fatt il-proċedura li jsegwi l-Kumitat hija illi jevalwa applikazzjoni illi tkun saret minn applikant biex il-vettura tiegħu tiġi reġistrata bħala waħda 'vintage' abbażi ta' sett ta' tmien ritratti li l-applikant huwa obbligat jissottometti flimkien mal-applikazzjoni tiegħu u jkun biss f'każ ta' dubju dwar id-determinazzjoni ta' tali applikazzjoni illi l-applikant jiġi mitlub jippreżenta ruħu bil-vettura in kwistjoni sabiex issir spezzjoni fiżika. Fil-każ odjern, għar-raġunijiet indikati fid-dokument eżebit mill-appellant bħala Dok. 'MT9', il-Kumitat ma kellu ebda dubju dwar id-deċiżjoni tiegħu u cioe' illi l-vettura in kwistjoni ma tissodisfax il-kriterji meħtieġa sabiex tiġi klassifikata bħala vettura vintage, u dan kif se jiġi ulterjorment spjegat fil-kors tas-smiegħ ta' dan l-appell.*

*3. Illi għalhekk id-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta u korretta a tenur tal-liġi u timmerita li tiġi konfermata filwaqt li l-appell interpost mill-appellant għandu jiġi miċħud bl-ispejje kontra tiegħu."*

Sema' x-xhieda;

Ra l-atti kollha;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata komunikata lilu permezz ta' ittra datata 14 ta' April 2021 li permezz tagħha ġie mgħarraf illi l-Kumitat Għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage (aktar l'isfel "il-Kumitat") kien ċaħad l-applikazzjoni sottomessa minnu sabiex il-vettura tal-għamla Isuzu NKR bin-numru ta' reġistrazzjoni CBB 378 tiġi klassfikata bħala "*vintage"* peress li l-istess vettura kellha numru ta' affarijiet li kienu jiskwalifikawha milli tiġi hekk kklassifikata.

Illi mill-*file* esebit mill-Awtorita` intimata jirriżulta illi l-vettura in kwistjoni ġiet manifatturata fl-1990. Jirriżulta li l-vettura daret fuq ir-rikorrent fl-1997 mingħand id-ditta Euch Zammit & Sons Limited wara li dan xtraha fl-1994. Jirriżulta wkoll li fl-1990 id-ditta msemmija kienet applikat mal-Kummissarju tal-Pulizija u ngħatat il-permess "*to construct a truck/body on a newly imported Isuzu chassis"*, liema permess kien jirreferi għall-vettura in kwistjoni. Illi jirriżulta li din l-awtorizzazzjoni kienet biex tiġi nstallata kaxxa fuq wara tal-van peress li l-istess kien ġie importat mingħajrha. Ir-rikorrenti jispjega li dan ġara peress li fiż-żmien meta ġie importat il-van dawn ma kinux jiġu importati bil-

kaxxa inkluża għaliex kienu jiġu ntaxxati b'mod eżaġerat u li allura l-kaxxi għal vetturi simili kienu jinħadmu hawn Malta.

Illi mid-*disqualification report* esebit in atti jirriżulta li l-Kumitat sab is-segwenti nuqqasijiet meta eżamina r-ritratti li ntbagħtu mir-rikorrent mal-applikazzjoni, u cioe`:

1. *Poor overall condition*
2. *Dents, scratches, rust or corrosion on body and/or on parts or fittings thereof*
3. *Customised body*
4. *Non-period tow hook*
5. *Dirty and/or shabby loading bay*
6. *Dirty and shabby engine, engine bay or under bonnet*
7. *Faded/warped/cracked/rusty bumpers*[1]

Fl-istess rapport ġie rrimarkat ukoll illi l-van kellu *tail lift attachment* li ma kienx oriġinali.

**Ikkunsidra:**

Illi ai termini tal-artikolu 2 tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar ir-Reġistrazzjoni u Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur), vettura *vintage* tfisser "**vettura awtentika u ġenwina li jkollha tletin sena jew aktar (li jibdew jgħoddu mid-data tal-manifattura), kif ċertifikata mill-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi vintage, li tkun miżmuma fi stat li jkun qrib kemm jista' jkun possibbli tal-istat oriġinali kif ikun ipproduċiha l-manifattur u li tkun tirrispetta l-ispirtu tal-preservazzjoni ta' vetturi klassiċi u *vintage*.**"

Illi applikazzjoni sabiex vettura tiġi kklassifikata bħala *vintage* tiġi skrutinata mill-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi *Vintage*, liema Kumitat huwa maħtur mill-Awtorita` intimata u kostitwit minn "*chairperson u tliet membri, li kollha għandu jkollhom il-kompetenza teknika meħtieġa, li l-funzjoni tiegħu tkun li –*
***(a) jiddeċiedi jekk vettura għandhiex tiġi klassifikata bħala vettura vintage;***
*(b) jiddeċiedi jekk vettura vintage għandhiex ħamsin sena jew aktar (li jibdew jgħoddu mid-data tal-manifattura);*
*u*

---

[1] Ara Dokument MT9 a fol. 12

*(ċ) jikkalkula l-valur tar-reġistrazzjoni ta' vettura bħal dik għall-fini li tiġi kalkulata t-taxxa tar-reġistrazzjoni li għandha titħallas fuq vettura bħal dik, jekk tkun applikabbli."*[2]

Illi biex vettura tiġi kklassifikata *vintage* trid tiġi segwita l-proċedura stabbilita f'artikolu 25 tal-Kapitolu 368 hawn fuq ċitat, u cioe`:

*"(1) Is-sid ta' vettura bil-mutur li jkollha tletin sena jew aktar, li jibdew jgħoddu mid-data tal-manifattura tagħha, jista', wara li jħallas id-dritt stabbilit mill-Awtorità, jibgħat applikazzjoni lill-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi vintage fuq il-formola preskritta biex dik il-vettura, kemm jekk diġà reġistrata f'Malta jew jekk tkun ġiet impurtata jew miġjuba f'Malta iżda ma tkunx għadha ġiet reġistrata f'Malta, tiġi klassifikata bħala vettura vintage.*
*(2) Biex tiġi klassifikata bħala vettura vintage, vettura bil-mutur trid tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:*
*(a) il-vettura bil-mutur għandu jkollha* ***<u>tletin sena jew aktar</u>*** *li jibdew jgħoddu mid-data tal-manifattura tagħha;*
*(b) il-vettura bil-mutur għandha tkun fi stat li jkun, kemm jista' jkun,* ***<u>viċin l-istat oriġinali tagħha kif ikun ipproduċiha l-manifattur</u>****; u*
*(ċ) il-vettura bil-mutur tkun ġiet* ***<u>miżmuma fi stat li jirrispetta l-ispirtu tal-preservazzjoni ta' vettura vintage</u>****.*
*(3) Il-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi vintage għandu jeżamina kull applikazzjoni biex jiddeċiedi jekk vettura bil-mutur bħal dik tkunx tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fis-subartikolu (2).*
*(4) F'każ li l-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi vintage iħoss li jkun jeħtieġ xi informazzjoni addizzjonali, kjarifiki u, jew dokumenti mingħand l-applikant qabel ma jieħu d-deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni, huwa għandu jitlob lill-applikant biex jagħti dik l-informazzjoni addizzjonali u, jew dokumentazzjoni u biex jagħmel il-kjarifiki kif ikun mitlub u l-kumitat għandu mbagħad jgħaddi biex jiddeċiedi billi jew jaċċettaha jew jirrifjutaha."*

Illi fid-deċiżjonijiet tiegħu, il-Kumitat u l-applikanti huma ggwidati bil-linji gwida pubblikati mill-Awtorita` intimata, u cioe` *Policy Guidelines Used for the Classification of Vintage Vehicles*, liema *policy* tista' tiġi aċċessata minn fuq is-sit tal-Awtorita` intimata.

Illi dan it-Tribunal sema' x-xhieda ta' Josef Abela, Ċermen tal-Kumitat, li spjega li l-vettura in kwistjoni kellha aċċessorji li ma ħarġitx bihom, bħal pereżempju t-

[2] Artikoluu 2 tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta

*tail lift*. Jispjega wkoll li mat-*tail lift* hemm fanali li mhumiex oriġinali, hemm ukoll *bumper* li mhuwiex fil-kulur oriġinali li l-van kien joħroġ bih u l-*loading bay* kien fiha sinjali ta' użu regolari. Jispjega li mill-fabbrika l-*bumper* ikun ħareġ jew *chrome* jew iswed.

Illi dan it-Tribunal josserva illi l-vettura in kwistjoni ġie skwalifikata fuq numru ta' nuqqasijiet riskontrati mit-Tribunal. Għalhekk iħoss li hu għaqli li dawn jiġu trattati separatament.

1. **<u>Poor overall condition, dents, scratches, rust or corrosion on body and/or on parts or fittings thereof</u>**

Illi bħall-Kumitat, it-Tribunal seta' jikkonstata l-qagħda tal-vettura in kwistjoni mir-ritratti esebiti mal-applikazzjoni. Illi minn dak li seta' jikkonstata, u anke kif xehed Josef Abela, il-van għandu xi grif/*dents* fuq parti mill-kaxxa u fuq it-*tail lift*. Illi l-ispirtu wara l-klassifikazzjoni huwa li l-vetturi ikunu kemm jista' jkun fi stat tajjeb. Li vettura jkollha grif/*dents* ma jirriflettix dan l-istat. Illi fil-linji gwida hemm dikjarat li r-rikorrent fehem illi l-vettura trid tkun tirrispetta "*the spirit of classic and vintage preservation".* Illi f'dan l-ispirtu ċertament ma hemmx lok għal vetturi li jkollhom grif/*dents* kif fil-fatt murija fuq ir-ritratti esebiti. Illi r-rikorrent kellu l-opportunita` kollha kieku ried, qabel ippreżenta l-applikazzjoni, jirrestawra dawn id-difetti, pero` huwa għażel li dan ma jagħmlux.

2. **<u>Customised body u *non original tail lift attachment*</u>**

Illi ġie stabbilit illi l-kaxxa li l-van għandu fuq wara ma ħarġitx mill-fabbrika iżda ġiet fabbrikata u magħmula hawn Malta. Jirriżulta wkoll illi t-*tail lift* ġie installat mir-rikorrent.

Fil-linji gwida ċitati iktar 'il fuq, fir-rigward ta' *Body and Chassis* jingħad is-segwenti:-

*"No major modifications are allowed save for the exceptions listed below. No lengthening or shortening of the body or chassis except in line with factory specifications. The vehicle must appear exactly as a similar model left the factory and/or factory approved modifier and must reflect the period in question.*

*However, if a vehicle has been converted exactly as it would have been at the factory and/or factory approved modifier, this is allowed as long as proof is provided by the applicant. Notwithstanding the requirements above, certain body*

*kits may be allowed as long as these are similar to period factory extras or else supplied by recognised period aftermarket suppliers.*

*Certain cases of body-building are allowed because some manufacturers used to provide a chassis-cab upon which the owner would then build a loading bay or box or a special purpose application vehicle. Therefore, recently built bodies on a genuine chassis are allowed, as long as the build reflects the manufacturer and period in question.*

*Roof-racks and tow-hooks are not normally allowed as these indicate that the vehicle is possibly being used for commercial purposes. However, period-looking roof-racks (e.g. with wooden slats) or tow-hooks on ex-military vehicles may be fitted."*

Illi minn qari ta' dawn il-linji gwida jirriżulta illi l-installar ta' *loading bay* huwa permess sakemm il-kaxxa tirrifletti l-perjodu ta' meta ġiet manifatturata l-vettura. Ir-rikorrent spjega r-raġuni għala l-kaxxa ta' wara ġiet installata wara li l-van ġie impurtat hawn Malta. Illi l-Awtorita` intimata ma qalitx li l-kaxxa ma kinitx tirrifletti l-perjodu ta' meta ġie manifatturat il-van.

Illi fir-rigward tat-*tail lift* ġie konċess anke mir-rikorrent li dan ma kienx jifforma parti integrali mill-istruttura tal-vettura in kwistjoni, tant li ġie miżjud xi snin wara. Illi fil-fehma tat-Tribunal din hija raġuni ta' skwalifika għaliex il-vettura ma nżammitx kif ħarġet mill-fabbrika. Lanqas ma r-rikorrent ġab prova, kif jobbligawh il-linji gwida, illi tali modifika kienet xi "*period factory extra or else supplied by recognised period aftermarket suppliers."* Illi t-Tribunal jifhem li dan il-van kien jintuża għal użu kummerċjali u kien għalhekk li kien hemm il-ħtieġa ta' *tail lift*. Pero`, anke jekk il-van huwa wieħed kummerċjali, jirriżulta li dan it-*tail lift* ġie miżjud. It-Tribunal jara li din il-modifika hija waħda sostanzjali li ma tirriflettix il-mudell li ħareġ mill-fabbrika.

Illi fil-kors tal-proċeduri qamet ukoll kwistjoni dwar il-*bumpers* u cioe` jekk dawn kinux l-oriġinali jew le peress li kienu miżbugħin bojod u skont il-Kumitat dawn kienu joħorġu mill-fabbrika suwed jew *chrome*. Illi r-rikorrent jgħid li dawn minn dejjem kienu hekk. Illi t-Tribunal jirrileva illi l-Awtorita` intimata ma ġabet l-ebda prova oġġettiva kif l-istess *bumpers* kienu joħorġu mill-fabbrika u għaldaqstant ma jqisx illi jista' serenament jiddeċiedi li l-istess *bumpers* ġew b'xi mod modifikati.

3. **<u>Non-period tow hook</u>**

Fir-rigward ta' dan l-*item* ir-rikorrent jgħid li dan it-*tow hook* jista' jiġi faċilment maqlugħ. Madanakollu l-linji gwida jistipulaw illi "*tow-hooks are not normally allowed as these indicate that the vehicle is possibly being used for commercial purposes.*" Illi kwindi, ir-rikorrent seta' faċilment neħħa dan it-*tow hook* qabel issottometta l-applikazzjoni tiegħu tenut kont li l-linji gwida huma daqshekk ċari.

4. **Dirty and/or shabby loading bay**

Illi skond il-membru tal-Kumitat Josef Abela, spjega li għalkemm ir-ritratti ma tantx huma ċari, il-kaxxa minn ġewwa kellha sinjali ta' użu ta' xogħol regolari. Spjega li la fuq huwa migruf allura assumew li l-bqija huwa l-istess. Illi dan it-Tribunal iqis li fir-rigward ta' din l-*item*, mir-ritratti esebiti ma seta' qatt jiġi konkluż illi l-*loading bay* hija *dirty/shabby*. Jekk skont kif spjega Abela, ir-ritratti ma kinux ċari allura l-Kumitat kellu kull dritt jitlob għal ritratti oħra iktar ċari u mhux li jassumi li la fuq kellu xi grif allura l-kumplament kien ukoll fl-istess kundizzjoni, anke jekk dan seta' kien il-każ. Mir-ritratti esebiti mir-rikorrent a fol. 31 u 32 jidher li l-Kumitat assuma tajjeb, pero` xorta waħda f'materji bħal dawn ma jistax jassumi iżda jrid jimxi fuq fatti li jevalwaħom oġġettivament. Kwindi dan l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ.

5. **Dirty and shabby engine, engine bay or under bonnet**

Illi skont il-linji gwida *"Engines and engine compartments must be clean and tidy with no rusty parts. Clips, grommets, wiring harnesses, labels, etc. must be in good condition."* Illi mir-ritratti esebiti mir-rikorrent jirriżulta illi l-*engine compartment* fih partijiet li huma msaddin filwaqt li l-kundizzjoni tal-istess magna tidher xi ftit malandata. Illi t-Tribunal iqis li r-rikorrent kien jaf għalxiex qed japplika u kwindi seta' ħa ħsieb illi jekk il-kundizzjoni tal-kompartiment tal-magna ma kienx tal-livell indikat fil-linji gwida, seta' rranġah u naddfu sew. Madanakollu l-Kumitat kellu quddiemu kompartiment ta' magna fl-istat muri fir-ritratti u kwindi kien doveruż fuqu li jiskwalifika l-vettura abbażi ta' dan in-nuqqas.

6. **Faded/warped/cracked/rusty bumpers**

Illi mir-ritratti esebiti, fir-rigward tal-*bumper* ta' quddiem, dan it-Tribunal ma seta' jirriskontra l-ebda difett minn dak imniżżel fir-rapport ta' skwalifika. Fix-xhieda tiegħu Josef Abela indika li kien hemm grif u għafis fuq il-*bumper* ta' wara. Ix-xhud immarka b'ċirku blu dawn id-difetti fuq ir-ritratt a fol. 48. Illi t-

Tribunal josserva illi fejn immarka s-Sur Abela mhuwiex il-*bumper* iżda jifforma parti mit-*tail lift*. Apparti minn hekk, dan it-Tribunal ma jikkunsidrax illi fuq wara tal-vettura hemm *as such* xi *bumper* peress li dak li jidher fuq wara huwa parti mit-*tail lift*. Kwindi, fil-fehma tat-Tribunal, il-Kumitat kien żbaljat meta sab li kien hemm difetti fil-*bumpers*.

Illi għaldaqstant filwaqt li t-Tribunal iqis li l-Kumitat iddeċieda ħażin meta skwalifka l-vettura milli tiġi reġistrata bħala "*vintage*" għar-raġunijiet li l-*bumper* ma kienx l-oriġinal tal-fabbrika u li l-istess *bumper* kellu xi difett kif ingħad iktar 'il fuq, u filwaqt li jqis li mexa ħażin meta assuma affarijiet li ma kkonstatax minn fuq ir-ritratti, iqis li l-bqija tad-deċiżjoni hija waħda ġusta u raġunata fiċ-ċirkostanzi.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq premessi u sa fejn dan huwa kompatibbli ma' dak li ntqal hawn fuq, qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrent u jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjeż in kwantu għal terz għall-Awtorita` intimata u żewġ terzi għar-rikorrent.

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**